



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.3.2018
COM(2018) 157 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva
taċ-ċittadini**

L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) hija strument li jippermetti lil miljun ċittadin jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati. Hija strument li jistabbilixxi l-aġenda u parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Ir-regoli attwali li jirregolaw l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej huma bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona¹ u huma implimentati permezz tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, li ilu fis-seħħ mill-1 ta' April 2012². Sa minn dak iż-żmien, huwa stmat li l-organizzaturi tal-inizjattivi għabru disa' miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ minn ċittadini madwar l-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-ECI jipprevedi li kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2015-2018: LEJN INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI RIVEDUTA

L-ewwel rapport tal-Kummissjoni, li ġie adottat fil-31 ta' Marzu 2015, jelenka għadd ta' sfidi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej fil-forma attwali tiegħu, li jvarjaw minn aspetti tekniċi jew loġistiċi għal kwistjonijiet ta' natura aktar politika³.

Dan ir-rapport wassal għal reviżjoni tal-istrument tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej sabiex jinġabru l-opinjoni dwar il-modi kif itejbu l-implimentazzjoni tagħha. Dan kien jinvolvi konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati u mal-interlokutori ewlenin u kontribuzzjonijiet tagħhom, inklużi l-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi tal-UE, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzaturi tal-ECI. L-“ECI Days” (Jiem dwar l-ECI) organizzati kull sena mill-2012 mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u xi sħab tas-soċjetà ċivili pprovdew forum għal diskussjoni u għal kontribut. Istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll diversi partijiet interessati, wettqu wkoll il-valutazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet tagħhom stess tal-istrument. B'mod partikolari, il-

¹ L-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 24(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

² Ir-Regolament (UE) N° 211/2011 adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi Frar 2011. Dan ir-Regolament huwa kkumplementat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) N° 1179/2011 tas-17 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi ta' ġbir online.

³ [Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament \(UE\) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini – il-31 ta' Marzu 2015.](#)

Parlament Ewropew ħareġ rizzoluzzjoni fit-28 ta' Ottubru 2015⁴, li talbet revizzjoni tar-Regolament.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament ġdid dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini tat-13 ta' Settembru 2017⁵ (imsemmija fil-bqija ta' dan ir-rapport bħala "l-proposta"). L-objettiv tagħha huwa li jinkiseb il-potenzjal sħiħ tal-ECI billi ssir aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u s-sostenituri. Il-proposta tqis id-diversi kontributi miġbura tul is-snin preċedenti, kif ukoll il-kummenti li waslu fil-kuntest tal-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2017 dwar ir-reviżjoni. Dawn huma miġbura fil-qosor f'dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja l-proposta, li jinkludi wkoll dettalji dwar il-kwistjonijiet rigward il-funzjonament tal-ECI, kif ukoll analiżi ta' alternattivi għat-titjib⁶, li jibni fuq l-istudji tal-Kummissjoni mnedija biex jakkumpanjaw ir-reviżjoni tal-ECI⁷.

Il-proposta tindirizza n-nuqqasijiet ewlenin tar-reviżjoni li ġew identifikati, jiġifieri:

- id-diffikultajiet taċ-ċittadini li jipponu inizjattivi legalment ammissibbli – dan jidher permezz ta' rata relattivament għolja ta' rifjuti ta' reġistrazzjoni qabel ikun jista' jsir il-ġbir tal-firem (30 % tat-talbiet għar-reġistrazzjoni ma setgħux jiġu rreġistrati mill-Kummissjoni peress li l-inizjattivi proposti kienu manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni);
- il-proċess kumpless u ta' piż għall-organizzaturi ta' inizjattivi biex jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, kif jidher mir-rata baxxa ta' inizjattivi li kellhom suċċess (jiġifieri inizjattivi li jirnexxielhom jilhq u l-għadd meħtieġ ta' firmatarji fi żmien sena mill-perjodu tal-ġbir); eż. in-nuqqas ta' flessibilità fl-iskeda ta' żmien tal-ECI; ir-rekwiżiti ta' dejta li jvarjaw għall-firmatarji minn Stat Membru għal ieħor: proċess kumpless għall-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online;
- b'mod ġenerali, id-dibattitu u l-impatt relattivament limitati li nħolqu sa issa mill-inizjattivi taċ-ċittadini.

Fl-ordni ġuridika attwali, il-Kummissjoni diġà ħadet diversi miżuri mhux leġiżlattivi għall-introduzzjoni ta' titjib prattiku fl-implimentazzjoni tal-istrument tal-ECI. B'mod partikolari, hija pprovdiet hosting servers mingħajr ħlas għas-sistemi ta' ġbir online tal-organizzaturi, konsulenza u appoġġ imsaħħaħ għal organizzaturi u attivitajiet ta'

⁴ [Rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej](#).

⁵ COM(2017) 482 – 13.09.2017.

⁶ Id-Dokument ta' Ħidma tal-persunal huwa disponibbli fuq il-[Paġna ddedikata għar-reviżjoni](#) tas-sit web tal-ECI.

⁷ Apparti studju dwar l-impatti tal-ICT tar-Regolament dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini maħruġ f'Ġunju 2015, tliet studji oħrajn ġew ikkummissjonati mill-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti tad-dejta tal-firmatarji, dwar l-użu tal-identifikazzjoni elettronika (eID); u dwar is-sistemi ta' ġbir online u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi skont ir-Regolament dwar l-ECI (UE) Nru 211/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1179/2011. Dawn l-istudji huma disponibbli fuq il-[Paġna ddedikata għar-reviżjoni fuq is-sit web tal-ECI](#).

komunikazzjoni (potenzjali), titjib fil-faċilità tal-użu ta' softwer għall-ġbir online li l-organizzaturi jistgħu jagħżlu li jużaw u ddeċidiet fejn huwa xieraq li tirreġistra l-inizjattivi parzjalment.

B'mod partikolari, it-tnaqqis qawwi fil-proporzjon ta' rikjesti għar-reġistrazzjoni li ġew rifjutati mill-Kummissjoni (żewġ rifjuti biss minn 17-il inizjattiva proposti imressqa minn April 2015, meta mqabbla ma' 20 minn 51 fil-perjodu minn April 2012 sa Marzu 2015) jista' jiġi attribwit ukoll għall-fatt li l-Kummissjoni introduċiet il-prattika li tippermetti r-reġistrazzjonijiet parzjali f'każijiet fejn tali approċċ huwa ġġustifikat.

Dawn il-bidliet ġabu magħhom titjib sinifikanti, iżda kienu biss ta' natura mhux leġiżlattiva. Sabiex jiġi żgurat li l-istrument tal-ECI ikun kompletament effettiv u aċċessibbli, l-adozzjoni ta' regolament ġdid hija prijorità, kif identifikat fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi għall-2018-19 adottati mill-Presidenti tat-tliet Istituzzjonijiet fl-14 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-rapport huwa t-tieni ta' dan it-tip u jsegwi mill-qrib il-valutazzjoni komprensiva mwettqa qabel ir-reviżjoni proposta tar-Regolament attwali dwar l-ECI. Għalhekk, jibni fuq l-eżerċizzju riċenti u jinkludi dettalji ulterjuri u informazzjoni fattwali dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

It-taqsimha li ġejja tipprovdi l-istat attwali tal-proċedura ECI, li tinkludi analiżi qasira tal-problemi ewlenin li huma kkonfrontati bihom il-partijiet ikkonċernati tal-ECI. Kif xieraq, tirreferi għal xi titjib li diġà ġiet introdott jew għal dak propost mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Regolament ġdid.

ĦARSA ĠENERALI LEJN L-INIZJATTIVI

Iċ-ċiklu tal-ħajja tal-inizjattiva taċ-ċittadini huwa bbażat fuq ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament. L-inizjattiva trid tkun immedija mill-kumitat taċ-ċittadini u mbagħad tiġi rreġistrata mill-Kummissjoni sakemm il-kundizzjonijiet għall-ammissibilità jkunu ġew issodisfati, b'mod partikolari l-fatt li l-inizjattiva ma tkunx taqa' manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni. Dan huwa l-punt ta' attivazzjoni għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Jekk il-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tikkonferma li l-għadd minimu ta' firmatarji jkun intlaħaq, l-organizzaturi jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom lill-Kummissjoni, li għandha tliet xhur żmien biex twieġeb. Din il-frażi tinkludi wkoll laqgħa mal-Kummissjoni u smiġh pubbliku organizzat mill-Parlament Ewropew.

Mir-rapport preċedenti dwar l-applikazzjoni tal-ECI f'Marzu 2015, il-Kummissjoni rċeviet 17-il talba għal reġistrazzjoni ta' inizjattivi taċ-ċittadini proposti, li minnhom 15 ġew aċċettati u tnejn ġew rifjutati. Barra minn hekk, żewġ inizjattivi li r-reġistrazzjoni tagħhom kienet rifjutata fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin ġew irreġistrati mill-Kummissjoni wara deċiżjonijiet tal-Qorti (ara hawn taħt).

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' inizjattivi taċ-ċittadini proposti li ġew irreġistrati u lejn it-talbiet għar-reġistrazzjoni li ġew rifjutati sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament f'April 2012.

	04/2012-03/2015	04/2015-03/2018	Total mill-04/2012
Nru totali ta' inizjattivi rreġistrati	31	17	48
Nru totali ta' talbiet għar-reġistrazzjoni rifjutati	20	2	22


IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROCĊEDURA TAL-ECI

Il-kumitat taċ-ċittadini


Bħala kondizzjoni għat-tnedija ta' inizjattiva taċ-ċittadini, jeħtieġ li jiġi stabbilit kumitat taċ-ċittadini ta' mill-anqas seba' ċittadini tal-UE li jkunu residenti f'seba' Stati Membri differenti, li jridu jkunu tal-età li tintitolahom jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Filwaqt li m'hemm ebda limitu għall-għadd ta' ċittadini fuq il-kumitat, dawk is-seba' membri biss huma rreġistrati formalment mill-Kummissjoni.

Statistika dwar il-membri tal-kumitati taċ-ċittadini għal inizjattivi rreġistrati minn April 2015 'il quddiem:

- *Residenza u nazjonalità tal-membri tal-kumitat*



- *Età tal-membri tal-kumitat (fiż-żmien tar-reġistrazzjoni)*



Reġistrazzjoni tal-inizjattivi

Qabel jibdew jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-organizzaturi jeħtiġilhom jirreġistraw l-inizjattiva tagħhom mal-Kummissjoni, li f'dan l-istadju b'mod partikolari tivverifika li l-kumitat ta' ċittadini jkun konformi mar-rekwiżiti deskritti hawn fuq. Hija tivverfika wkoll li l-inizjattiva proposta ma taqax manifestament barra mis-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-iskop tal-implimentazzjoni tat-Trattati, u li ma tkunx manifestament abbużiva, frivola u vessatorja, kif ukoll li ma tmurx manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha xahrejn biex tivverifika li l-kundizzjonijiet iddikjarati fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar l-ECI huma ssodisfati.

Ir-rapport preċedenti diġà enfasizza l-isfida li kienet tirrappreżenta l-proċedura ta' reġistrazzjoni għall-organizzaturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat tal-Kummissjoni. Sussegwentement, ġie introdott tiġib f'żewġ livelli. Il-Kulleġġ tal-Kummissarji ilu jadotta d-deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni tal-inizjattivi proposti ta' ċittadini mill-2015, li juri l-importanza li tingħata mill-Kummissjoni lill-ECI u lill-prijorità li tisma' li-ċittadini u t-tħassib tagħhom. Il-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet għall-istampa mill-Kummissjoni saħħet ukoll il-viżibilità tar-reġistrazzjonijiet.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni introduċiet il-prattika li tirreġistra l-inizjattivi parzjalment fejn xieraq. F'dawk il-każijiet, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni, inkluż tispeċifika l-elementi rreġistrati mill-Kummissjoni u l-bażi li fuqha jistgħu jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattiva.

Riżultat ta' dan, mill-2015 żewġ inizjattivi proposti biss ma ssodisfawx ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni u għalhekk ma setgħux jiġu rreġistrati mill-Kummissjoni (“Stop Brexit”; “British friends - stay with us in EU”).

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament fl-2012, sitt kumitati taċ-ċittadini ressqu proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni tal-inizjattivi proposti tagħhom⁸. Filwaqt li l-proċeduri quddiem il-Qorti komplew matul il-perjodu ta' rapportar, dawn l-azzjonijiet kollha jirrigwardaw deċiżjonijiet adottati fil-perjodu 2012-2014.

Il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjonijiet ta' rifjut f'erba' każijiet⁹. Tnejn minn dawn l-erba' sentenzi tal-Qorti Ġenerali ġew appellati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Fit-12 ta' Settembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet l-appell fl-ewwel minn dawn il-każijiet u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tirreġistra l-inizjattiva proposta¹⁰.

F'żewġ każijiet oħra, il-Kummissjoni rreġistrat l-inizjattivi biex tkun konformi mas-sentenzi li ħarġet il-Qorti Ġenerali tal-UE fl-2017¹¹ (“Stop TTIP”; “Minority SafePack”). Imbagħad, ġiet introdotta azzjoni għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' Marzu 2017 li tirreġistra l-inizjattiva proposta “Minority SafePack”¹²

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament ġdid timmira li ttejjeb il-proċedura ta' reġistrazzjoni, inkluż il-possibbiltà li tiġi pprovduta informazzjoni (preliminari) lill-organizzaturi jekk l-inizjattiva ma tkunx taqa' taħt is-setgħat tal-Kummissjoni. Hija tiċċara wkoll il-kundizzjonijiet għal reġistrazzjoni parzjali ta' inizjattivi; jiġifieri meta biss parti tal-inizjattiva ma tkunx manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att ġuridiku għall-iskop tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

Ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

Ir-Regolament dwar l-ECI jipprevedi li l-appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini jista' jingħata biss minn ċittadini tal-Unjoni li jkunu laħqu l-età għall-vot fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li hija ta' 18-il sena kullimkien fl-UE bl-eċċezzjoni tal-Awstrija fejn ġiet stabbilita għal 16.

L-organizzaturi għandhom żmien massimu ta' 12-il xahar biex jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'forma stampata jew online permezz ta' formoli konformi mal-mudelli fl-Anness III tar-Regolament.

⁸ Kawżi T-754/14, T-361/14, T-44/14, T-529/13, T-450/12, T-646/13

⁹ Każijiet T-450/12, T 44/14, T 529/13, T 361/14

¹⁰ Każijiet C-589/15, C-420/16

¹¹ Każijiet T-646/13 u T-754/14.

¹² Każ T-391/17

Rigward il-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-aktar inizjattiva reċenti li laħqet il-limitu ta' miljun, "Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi", madwar 21 % inġabru f'forma stampata u madwar 79 % online¹³.

Ir-rekwiżiti tad-dejta

Il-firmatarji jridu jissodisfaw ir-rekwiżit ta' rabta bejn in-nazzjonalità jew residenza ma' Stat Membru partikolari u jipprovdu dejta personali għall-verifika mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor.

Il-Kummissjoni tista' timmodifika r-rekwiżiti tad-dejta tal-firmatarji stabbiliti fl-Anness III minn att delegat fuq talba tal-Istati Membri. Wara l-ewwel modifika fl-2013 rigward sitt Stati Membri, it-tieni modifika fl-2015 issimplifikat ir-rekwiżiti għal tliet Stati Membri oħra.

Dawn id-diverġenzi fir-rekwiżiti tad-dejta għall-appoġġ taċ-ċittadini kellhom impatt negattiv fuq l-effiċjenza u l-effikaċja tal-inizjattiva taċ-ċittadini: jiġifieri xi ċittadini tal-UE huma mwaqqfa milli jagħtu appoġġ; f'xi pajjiżi, huwa meħtieġ ammont kbir ta' dejta personali jew it-tip ta' dejta meħtieġa tista' titqies sensittiva biex wieħed jiprovdiha u għalhekk dan jista' jiskoraġġixxi liċ-ċittadini milli jagħtu l-appoġġ tagħhom; attwalment qed jintużaw 13-il formola li jitolbu settijiet differenti ta' dejta personali li jagħmel il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ eżerċizzju kkumplikat ferm, b'mod partikolari meta jsir fuq il-karta; eċċ.

Il-proposta adottata f'Settembru 2017 tindirizza dawn il-kwistjonijiet pendenti bħala prijoritarji u dawn jiġu deskritti b'mod estensiv fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja l-proposta.

Il-ġbir online

Il-ġbir online ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ minn firmatarji huwa wieħed mill-punti b'saħħithom tal-istrument u spiss parti indispensabbli mill-kaxxa tal-istrumenti tal-organizzaturi. Minkejja dan, jista' jkun ta' sfida sinifikanti għall-organizzaturi.

Sabiex jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online, attwalment huma jridu jibnu s-sistema tagħhom stess (inklużi softwer u hosting server) u jiċcertifikawha minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn se tiġi maħżuna d-dejta. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal sistemi ta' ġbir online huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011 tas-17 ta' Novembru 2011 biex jimplementa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament dwar l-ECI (l-Artikolu 6).

Is-sistemi ta' ġbir irid ikollhom il-karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà meħtieġa biex jipproteġu d-dejta personali tal-firmatarji.

¹³ Iċ-ċifri marbutin mal-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ huma disponibbli biss għall-inizjattivi ppreżentati, għaliex dawn huma l-uniċi ċifri uffiċjali disponibbli għall-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni pprovdiet għajnuna estensiva għall-element ta' għbir online tal-ECI. F'konformità mar-Regolament, il-Kummissjoni għamlet disponibbli softwer b'sors miftuħ mingħajr ħlas f'Diċembru 2011, li l-organizzaturi jistgħu jużaw bil-modifiki jew mingħajr modifiki. Madankollu, huma ħielsa li jużaw is-softwer tal-għażla tagħhom.

L-identifikazzjoni ta' hosting server biex jinstalla s-softwer rrappreżenta sfida rikorrenti għall-organizzaturi, f'termini ta' spejjeż iżda fuq kollox f'termini ta' organizzazzjoni, li jwassal għal dewmien fit-tneđija tal-għbir online tagħhom. Fl-2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li toffri lill-organizzaturi hosting tas-sistemi ta' għbir online tagħhom fuq is-servers tagħha stess, mingħajr ħlas u lil hinn mill-obbligi tagħhom skont ir-Regolament attwali.

Is-softwer żviluppat mill-Kummissjoni jipprovdi sett ta' funzjonalitajiet biex jiġbor dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online, biex jaħżen dejta tal-firmatarji b'mod sikur u biex jesperta d-dejta għall-preżentazzjoni sussegwenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri.

Is-softwer ġie aġġornat regolarment biex jinżamm aġġornat u jkun aktar faċli biex jintuża mill-utent. Dan jinkludi l-possibilità li dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru bl-użu ta' tagħmir mobbli bħal smartphones jew tablets, kif ukoll li jiġu stabbiliti ħoloq ma' midja soċjali u siti web għal finijiet ta' kampanji. Għall-benefiċċju ta' persuni b'diżabbiltà tfassal titjib addizzjonali¹⁴.

Minn April 2015, 12-il inizjattiva użaw is-softwer tal-Kummissjoni, filwaqt li għaxra minnhom użaw ukoll is-servizz ta' hosting tal-Kummissjoni.

Sa issa, għadu ma ġie rrapportat ebda użu tal-“firma elettronika avvanzata” skont l-Artikolu 5(2).

Skadenza għall-għbir

L-organizzaturi għandhom sena biex jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ sa mid-data li fiha l-Kummissjoni tirreġistra l-inizjattiva tagħhom. Fil-prattika, l-organizzaturi għandhom inqas minn sena għall-għbir minħabba r-rekwiżiti loġistiċi għall-bidu tal-għbir. Diversi organizzaturi, pereżempju, ma jibdewx it-tnejjijiet għall-għbir qabel jirċievu l-konferma li l-inizjattiva tagħhom se tkun irreġistrata, għalkemm ir-Regolament jippermettilhom li jitolbu lill-Istat Membru rilevanti jiċċertifika s-sistemi ta' għbir online tagħhom qabel ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva. L-esperjenza turi li r-riżultat tal-proċess tal-għbir huwa sa punt sinifikanti influwenzat ukoll mil-livell u mill-kwalità tal-organizzazzjoni tal-kampanja¹⁵.

¹⁴ Fl-2013, twestaq studju biex jidentifika xi elementi li ma humiex konformi mal-aħjar Prattika Rigward l-aċċessibilità. Fl-ambitu tal-implimentazzjoni tad-disinn ġdid biex itejjeb l-esperjenza tal-utent implimentat fl-2017, intużaw l-aħjar Prattiki dwar l-aċċessibilità fil-fażi inizjali tal-applikazzjoni. Għadha għaddejja aktar ħidma fir-rigward tal-aċċessibilità.

¹⁵ Irid jiġi nnotat li l-inizjattiva “Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi” irnexxielha tiġbor l-għadd meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'madwar ħames xhur biss.

L-organizzaturi tal-inizjattiva “Il-Mamà, il-Papà u t-Tfal” ressqu lment quddiem l-Ombudsman fir-rigward tal-interpretazzjoni ġuridika tal-perjodu ta’ ġbir ta’ 12-il xahar tal-Kummissjoni. L-Ombudsman sab li, kif il-liġi tinsab bħalissa, il-Kummissjoni kienet ġustifikata li tikkunsidra l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ jibda fid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva proposta¹⁶.

Sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, il-proposta għal Regolament rivedut dwar l-ECI tinkludi għadd ta’ affarijiet li ġew imtejba, li jvarja mill-iskadenza flessibbli, b’mod partikolari l-possibilità għall-organizzaturi li jagħżlu d-data tal-bidu għall-perjodu ta’ ġbir sa tliet xhur wara d-data tar-reġistrazzjoni, minbarra li ġiet prevista sistema ċentrali ta’ ġbir online, li l-Kummissjoni se twaqqaf u tiġġestixxi mingħajr ħlas bħala alternattiva għal sistemi indiviwal.

Verifika tad-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ u preżentazzjoni lill-Kummissjoni

Ladarba l-organizzaturi jkunu ġabru l-għadd meħtieġ ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ (miljun kumplessivament u livelli minimi li għandhom jintlaħqu f’tal-anqas seba’ pajjiżi), huma jippreżentawhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom tliet xhur biex jivverifikaw u jiċċertifikaw l-għadd ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ validi.

Jekk ikun ikkonfermat li l-għadd minimu ta’ firmatarji ntlaħaq, l-organizzaturi jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom lill-Kummissjoni. Tliet inizjattivi ġew ippreżentati b’suċċess lill-Kummissjoni sa Marzu 2015 (kif deskritt fir-rapport preċedenti, u waħda addizzjonali “Projbizzjoni tal-glifosat biex b’hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi”, segwiet fis-6 ta’ Ottubru 2017).

L-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri ntalbu jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ għall-inizjattiva “Projbizzjoni tal-glifosat biex b’hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi.” Għal din l-inizjattiva, l-awtoritajiet kompetenti sabu li aktar minn 87 % tad-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ miġburin kienu validi. Żewġ awtoritajiet biss kisbu riżultati anqas minn 75 %.

Il-verifika bl-użu tal-kampjunar aleatorju ġiet imwettqa fi 12-il Stat Membru (fosthom, tnejn għad-dikjarazzjoni ta’ appoġġ miġbura f’forma stampata u wieħed għad-dikjarazzjoni ta’ appoġġ miġbura online). Ma ġiet osservata ebda diskrepanza sinifikanti fir-riżultati fir-rigward tal-validità tad-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ bejn l-Istati Membri li użaw il-kampjunar aleatorju u dawk li vverifikaw kull dikjarazzjoni ta’ appoġġ.

Ir-raba’ inizjattiva “Projbizzjoni tal-glifosat biex b’hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi” ġabret l-appoġġ ta’ 1 070 865 firmatarju¹⁷.

¹⁶ Deċiżjoni fil-każ 1086/2017/PMC.

¹⁷ Id-distribuzzjoni tal-firmatarji għal kull pajjiż tista’ tiġi kkonsultata fuq: <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/initiatives/successful/details/2017/000002>.

L-Istati Membri li għalihom l-erba' ECIs ta' suċċess kollha rnexxielhom jilhq u l-valur limitu kienu l-Ġermanja, Spanja u l-Italja.

L-għadd totali (kumulattiv) ta' firmatarji għal kull pajjiż għall-erba' inizjattivi li kellhom suċċess:

AT	BE	BG	HR	CY	CZ	DK	EE	FI	FR
132 923	102 095	15 462	14 273	10 147	33 019*	29 610*	6 023*	32 100	220 463*
DE	EL	HU	IE	IT	LV	LT	LU	MT	NL
2 202 500	89 243	97 026	23 822	1 450 862	13 889	30 286	18 034	26 899	98 403
PL	PT	RO	SK	SI	ES	SE	UK		
285 857	98 823*	116 907*	67 211*	43 272	322 429	33 831	147 376*		

* *Għadd totali ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ inklużi minn ċertifikati li waslu wara ż-żmien għall-preżentazzjoni tal-inizjattiva kkonċernata lill-Kummissjoni*

Id-dispożizzjonijiet dwar il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-appoġġ ġew iddiżinjati b'mod li jkunu jippermettu ċerta flessibilità għall-Istati Membri sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw il-proċeduri attwali fil-livell nazzjonali għal strumenti simili, u b'hekk jiġi limitat il-piż amministrattiv. Dan wassal għal sitwazzjoni fejn l-iskop tad-dejta mitluba lill-firmatarji u tal-proċess ta' verifika tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Madankollu, studju riċenti dwar ir-rekwiżiti tad-dejta kkonkluda li l-approċċ attwali ta' verifika kif previst fir-Regolament huwa mfassal tajjeb meta mqabbel ma' strumenti simili fil-livelli reġjonali u nazzjonali. Sa issa, ma ġie rapportat l-ebda każ ta' frodi sinifikanti.

Għandu jiġi nnotat ukoll li n-nuqqas ta' skadenza għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' inizjattiva li jkollha suċċess jista' joħloq konfużjoni u inċertezza għaċ-ċittadini li pprovdew l-appoġġ tagħhom, iżda wkoll għall-istituzzjonijiet tal-UE, rigward is-segwitu ta' inizjattivi li rnexxew. Il-proposta tal-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni billi tistabbilixxi skadenza għall-preżentazzjoni ta' inizjattiva.

Eżami u segwitu mill-Kummissjoni

Matul din il-fażi, l-organizzaturi huma mistiedna jiltaqgħu mal-Kummissjoni u tiġi organizzata seduta ta' smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew. L-eżitu ta' din il-fażi ta' eżami ta' tliet xhur hija l-adozzjoni ta' Komunikazzjoni, li fiha l-Kummissjoni tispjega l-azzjonijiet li bi ħsiebha tiegħu, jekk ikun hemm, u r-raġunijiet għalihom (l-Artikolu 10).

L-inizjattiva "Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi" stiednet lill-Kummissjoni Ewropea "tipproponi li l-Istati Membri jipprojbixu l-glifosat, jirrifirmaw il-proċedura għall-approvazzjoni tal-pestiċidi u jistabbilixxu miri obbligatorji fil-livell tal-UE għat-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi". Il-Kummissjoni rċeviet rappreżentanti tal-organizzaturi fit-23 ta' Ottubru 2017 u ġiet irrappreżentata mill-Ewwel Viċi President Timmermans u mill-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel, Vytenis Andriukaitis. Fl-20 ta' Novembru 2017, inżammet seduta ta' smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew, li fiha pparteċipa l-Kummissarju Andriukaitis.

Il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni tat-12 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi l-azzjonijiet li biħsiebha tiegħu. Filwaqt li l-Kummissjoni mhux se tadotta proposta għall-projbizzjoni ta' erbiċidi bbażati fuq il-glifosat peress li d-deċiżjoni biex tiġġedded l-approvazzjoni tal-glifosat għal ħames snin hija kompletament iġġustifikata kemm fuq il-livell xjentifiku kif ukoll legali, hija se tippreżenta proposta leġiżlattiva sa Mejju 2018, speċjalment bil-għan li ttejjeb it-trasparenza f'valutazzjonijiet xjentifiċi u teħid ta' deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni se ssaħħa ukoll l-isforzi għat-tnaqqis kontinwu u li jista' jitlej tar-riskju mill-użu tal-pestiċidi.

Dan li ġej huwa aġġornament dwar l-inizjattivi ppreżentati lill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tar-rapport preċedenti tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej fil-31 ta' Marzu 2015.

L-inizjattiva "Stop vivisection" (li tressqet mill-Kummissjoni fit-3 ta' Marzu 2015) stiednet lill-Kummissjoni "*tabroga d-Direttiva 2010/63/UE dwar il-protezzjoni tal-annimali użati għall-għanijiet xjentifiċi u biex tipreżenta proposti ġodda mingħajr l-użu ta' esperimentazzjoni fuq l-annimali u mniflok taġmel obligatorju l-użuta' - riċerka bijomedika u tossikoloġika - u data li tolqot direttament lill-ispeċi umani.*" Fil-11 ta' Mejju 2015, ġiet organizzata laqgħa; il-Kummissjoni ġiet rappreżentata mill-Viċi President Katainen u minn uffiċjali għolja mid-dipartimenti kkonċernati. Ġiet organizzata seduta ta' pubblika fil-Parlament Ewropew fl-istess ġurnata, li matulha, u għall-ewwel, darba esperti esterni ġew mistiedna jtkellmu. Il-Kummissjoni kienet rappreżentata mill-Viċi President Katainen.

Il-Komunikazzjoni adottat Komunikazzjoni fit-3 ta' Ġunju 2015 li tħabbar azzjonijiet f'erba' direzzjonijiet; jiġifieri t-tħaffif tal-progress fit-"Three Rs" ("replace, reduce, refine" - biex jiġi sostitwit, imnaqqas, u irfinat l-użu tal-annimali) permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien; l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-implimentazzjoni ta' approċċi alternattivi ġodda għall-ittejtjar fuq l-annimali; l-infurzar tal-konformità mal-prinċipju ta' "Three Rs" u l-allinjament tal-leġiżlazzjoni tas-settur rilevanti; l-involviment fi djalogu mal-komunità xjentifika.

Il-Kummissjoni organizzat konferenza xjentifika fi Brussell fis-6-7 ta' Diċembru 2016 biex tiegħu kont tal-progress fl-azzjonijiet ta' segwitu ta' din l-inizjattiva u biex tiddiskuti kif tista' tisfrutta l-aħħar avvanzi fir-riċerka bijomedika u riċerka oħra għall-iżvilupp ta' approċċi mingħajr annimali u xjentifikament validi¹⁸.

Irid jiġi nnotat ukoll li wara lment mill-organizzaturi tal-inizjattiva "Stop vivisection" lill-Ombudsman, ittieħdet deċiżjoni li kkonkludiet li ma kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni fil-ġestjoni ta' din l-inizjattiva (April 2017)¹⁹.

¹⁸ Aktar dettalji dwar azzjonijiet ta' segwitu huma disponibbli fuq il-[paġna ddedikata](#) fir-reġistru tal-ECI.

¹⁹ Każ 1609/2016/JAS.

Rigward l-inizjattiva “One of us” li għaliha l-Kummissjoni wiegħbet li hija kkunsidrat li l-qafas legali attwali ma kien adegwat, l-organizzaturi tagħha ressqu proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali tal-UE għall-annullament tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata bi tweġiba għall-inizjattiva. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali hija pendenti²⁰.

Rigward l-inizjattiva “L-ilma u s-sanità huma dritt tal-bniedem! L-ilma huwa ġid pubbliku, mhux komodità!” ġew implimentati diversi azzjonijiet ta’ segwitu mill-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni f’Marzu 2014²¹. Ta’ min wieħed jinnota b’mod partikolari l-kontribut tal-inizjattiva lejn iż-żamma “tal-ilma u s-sanità” bħala qasam ta’ prijorità ewlieni għall-qafas ta’ żvilupp tal-UE wara l-2015²² u sussegwentement fil-lista ta’ Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli fl-“Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli” tan-Nazzjonijiet Uniti²³. Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat proposta għal reviżjoni tad-direttiva dwar l-ilma tax-xorb fl-1 ta’ Frar 2018²⁴ li, b’rispons għall-inizjattiva, tipprevedi fost l-oħrajn obbligu għall-Istati Membri biex jiżguraw li gruppi vulnerabbli u marġinalizzati jkollhom aċċess għall-ilma. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta’ Novembru 2017²⁵ inkluda wkoll il-prinċipju li kulħadd għandu dritt għal aċċess għal servizzi essenzjali ta’ kwalità tajba, inkluż l-ilma u s-sanità (il-prinċipju 20 - Aċċess għal servizzi essenzjali).

Fil-proposta għar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini, il-Kummissjoni inkludiet ċertu titjib, b’mod partikolari t-trażmissjoni tal-inizjattiva, ladarba tasal, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, seduta ta’ pubblika aktar inklużiva fil-Parlament Ewropew biex tiġi żgurata rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-partijiet interessati kollha kkonċernati mill-inizjattiva, u l-estensjoni tal-fażi ta’ eżami minn tlieta għal ħames xhur biex jingħata aktar ħin għal dibattitu u biex dan ikun jista’ jkun ta’ kontribut għat-tweġiba tal-Kummissjoni.

Trasparenza - finanzjament

F’konformità mal-Artikolu 9, l-organizzaturi jridu jipprovdu tagħrif dwar is-sorsi kollha ta’ finanzjament li jaqbzū l-EUR 500 kull sena u għal kull sponsor. Din l-informazzjoni tiġi ppubblikata fir-reġistru tal-ECI.

Ħarsa ġenerali lejn l-isponsorizzar tal-inizjattivi rreġistrati minn April 2015:

²⁰ Il-Kawża T-561/14

²¹ Ara l-[paġna ta’ segwitu](#) tar-reġistru tal-ECI.

²² Il-Komunikazzjoni “Ħajja diċenti għal kulħadd: minn viżjoni għal azzjoni kollettiva” tat-2 ta’ Ġunju 2014, COM(2014) 335.

²³ <https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld>.

²⁴ COM(2017) 753 – 01.02.2018

²⁵ https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_mt.pdf


	L-EBDA SORS TA' FINANZJAMENT	AMMONT TOTALI TA' FINANZJAMENT ANQAS MINN EUR 10 000	AMMONT TOTALI TA' FINANZJAMENT AKTAR MINN EUR 10 000
Għadd ta' inizjattivi	8	2	7

L-appoġġ iddikjarat u l-finanzjament għall-inizjattiva “Projbizzjoni tal-glifosat biex b’hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi” jammonta għal EUR 328 399, li huwa l-ogħla ammont sa issa għal inizjattiva taċ-ċittadini li kellhom suċċess.

Appoġġ u sensibilizzazzjoni

Punt ta’ kuntatt:

F’konformità mal-Artikolu 4(1), huwa disponibbli punt ta’ kuntatt, li huwa ospitat miċ-Ċentru ta’ Kuntatt Europe Direct. Minn April 2015, il-punt ta’ kuntatt ipproċessa 257 talba għal informazzjoni minn ċittadini.



Il-mistoqsijiet jiġu diretti mill-ġdid lejn il-Kummissjoni meta ċ-Ċentru ta’ Kuntatt Europe Direct ma jkunx jista’ jwieġeb direttament, pereżempju meta l-mistoqsijiet jirrigwardaw jekk inizjattiva tkunx konformi jew le mal-kriterji ta’ reġistrazzjoni, fejn jingħataw tweġibiet ta’ natura informali, mingħajr preġudizzju għal xi tweġiba formali mill-

Kummissjoni wara talba possibbli għar-reġistrazzjoni. Minn April 2015, ġew ridiretti 66 mistoqsija lejn il-Kummissjoni.

Kont tal-organizzatur:

Ladarba inizjattiva tiġi rreġistrata formalment, il-Kummissjoni twieġeb il-mistoqsijiet tal-organizzaturi direttament permezz tal-kont tagħhom apposta fuq is-sit web tal-ECI. It-tweġibiet huma pprovduti wkoll permezz tal-email u tat-telefown fuq bażi kontinwa.

Appoġġ tal-IT:

Il-Kummissjoni toffri appoġġ rigward l-użu tas-softwer għall-ġbir online tagħha, kif ukoll hosting ta' sistemi ta' ġbir online fuq is-servers tagħha: madwar 300 talba ġew trattati dwar dawn l-aspetti matul l-aħħar tliet snin. Inġhatat ukoll għajna bl-użu tal-pjattaforma Joinup, li tippermetti lill-partijiet interessati jaċċessaw informazzjoni dwar l-aħħar żviluppi.

Appoġġ għat-traduzzjoni:

It-traduzzjoni tal-inizjattivi hija fir-responsabilità tal-organizzaturi u kienet proċess ikkomplikat sa mill-bidu. Mill-2015, l-appoġġ offrut mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew lill-organizzaturi dwar it-traduzzjoni ġie milqugħ, u kkontribwixxa b'mod sinifikanti biex tittejjeb is-sitwazzjoni. Kif speċifikat fil-proposta tagħha għal Regolament ġdid, il-Kummissjoni stess bi ħsiebha titraduċi l-kontenut tal-inizjattiva, u diġà bdiet tipprovi dawn it-traduzzjonijiet lill-organizzaturi mill-2018.

Oħrajn:

Element ġdid u importanti ieħor tal-proposta huwa l-ħolqien ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni online biex tappoġġa l-iskambju ta' prattika tajba bejn il-prattikanti tal-ECI, b'mod partikolari permezz ta' forum ta' diskussjoni u strumenti u mekkaniżmi oħrajn ta' appoġġ u ta' taħriġ. Fil-qafas tal-proġett pilota tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni diġà bdiet bl-istabbiliment ta' pjattaforma b'hal din, li trid tiġi ttestjata u tkompli tiġi żviluppata sakemm tkun disponibbli verżjoni żviluppata b'mod sħiħ taħt ir-Regolament il-ġdid. L-ewwel verżjoni tal-pjattaforma hija ppjanata li ssir pubblika f'April 2018.

It-tnejja tal-pjattaforma kollaborattiva se tikkoinċidi wkoll mal-bidu ta' kampanja ta' komunikazzjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini b'mod aktar ġenerali, li se tinkludi l-użu ta' strumenti u prodotti mmirati biex jappoġġaw il-viżibilità tal-istrument, promozzjoni permezz tal-midja soċjali mmirata lejn il-pubbliku ġenerali, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' avvenimenti fi Stati Membri li jiffokaw fuq il-multiplikaturi potenzjali.

KONKLUŻJONI

Filwaqt li bniet fuq l-input tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-partijiet interessati tal-UE, il-

Kummissjoni vvalutat fid-dettall in-nuqqasijiet li fadal u indirizzathom fil-proposta tagħha għal Regolament tat-13 ta' Settembru 2017. Ir-reviżjoni se ġġib magħha simplifikazzjoni u titjib mifruxa għaċ-ċittadini u għall-organizzaturi fil-passi suċċessivi kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-ECI. Hija se tgħin biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-ECI bħala strument biex irawwem dibattitu u parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell tal-UE u jgħib l-UE aktar qrib taċ-ċittadini tagħha, f'konformità mal-prijorità 10 tal-Kummissjoni ("Unjoni ta' Tibdil Demokratiku").

Fil-preżent, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qed jiddiskutu l-proposta u t-tliet istituzzjonijiet fid-Dikjarazzjoni Konġunta tagħhom intrabtu li jagħtuha trattament prijoritarju fil-proċess leġiżlattiv sabiex jiżguraw progress sostanzjali u, fejn possibbli, jagħtu riżultati qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019. Il-Kummissjoni tappella għall-adozzjoni tagħha sa tmiem l-2018 sabiex tkun tista' tidħol fis-seħħ f'Jannar 2020 u tagħti l-benefiċċji sinifikanti tagħha għad-demokrazija tal-UE u għall-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini mill-aktar fis possibbli.

Sadanittant, il-Kummissjoni tkompli taħdem biex ittejjeb it-tħaddim tal-ECI fil-qafas legali eżistenti. L-ewwel verżjoni tal-pjattaforma kollaborattiva online se tiġi mnedija f'April 2018, u l-Kummissjoni se żżid l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni tagħha dwar l-istrument tal-ECI permezz ta' kampanja ta' komunikazzjoni li tibda fl-2018.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-inizjattivi li kellhom suċċess kull meta jkun possibbli, u se tkun trasparenti dwar ir-raġunijiet dettaljati tagħha meta dan ma jkunx il-każ, konformi mal-10 prijoritajiet politiċi tagħha. Il-Kummissjoni impenjat ruħha għal azzjonijiet ta' segwitu fi tlieta minn erba' inizjattivi li kellhom suċċess u ħabbret jew adottat proposti leġiżlattivi għal tnejn minnhom.

L-istrument tal-ECI, kif muri mid-disa' miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ miġbura mill-inizjattivi sa issa, irawwem il-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini fil-kontinent kollu u jikkontribwixxi għall-ħruġ ta' dibattiti pan-Ewropej u għall-involviment fil-ħajja demokratika tal-UE. Billi tinvolvi liċ-ċittadini direttament u tippermettilhom iressqu l-ideat tagħhom dwar kwistjonijiet li huma ta' interess għalihom, l-ECI tagħti valur lill-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE u tikkontribwixxi biex tqarreb liċ-ċittadini lejn l-Unjoni.